# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 10 ta' Diċembru 2024**

**Nru: 21**

**Rikors Ġuramentat Nru. 984/2022**

## Catherine Cauchi

**v**

## Joseph Carabott

**Daħla**

1. Catherine Cauchi trid li Joseph Carabott jiġi żgumbrat minn żewġ għelieqi li tgħid li huma tagħha, u dana billi, skont ma tgħid, Joseph Carabott qiegħed jokkupa l-għelieqi mingħajr titolu jew, kif tgħid b'mod iktar kulurit, għaliex hu *squatter*.

2. Is-sur Carabott jgħid li ż-żewġ għelieqi kienu mbaqqla għand missieru Generoso, u li meta miet missieru, il-qbiela għaddiet għandu u għand ħuh Giomaria Camilleri, li miet fi Frar 2020. Jgħid li fl-ewwel sena wara li miet Giomaria, jew kif kien magħruf Ġamri, is-sinjura Cauchi aċċettat il-qbiela mingħandu; iżda wara nqalgħu l-problemi għaliex ma rieditx tirrikonixxih iżjed.

**Il-kwistjoni sostantiva**

3. L-għelieqi in kwistjoni kienu, fil-passat, imqabbla lil Generoso Camilleri, missier il-konvenut u ħuh Giomaria u, qablu, lil missier Generoso, li ukoll kien jismu Giomaria.

4. Is-sinjura Cauchi tgħid fl-1991 Generoso kien talab li tintemm il-qbiela li kellu u li, minflokha, ssir qbiela ġdida direttament ma ibnu Giomaria. Tgħid li r-raġel tagħha, li kien jamministra ġidha, kien aċċetta u li, minn dakinhar 'l quddiem, il-qbiela (ġdida) kienet tgħajjat lil Giomaria. Tgħid ukoll li billi Giomaria Carabott miet għażeb, u billi l-kirja li kellu Giomaria ma kienitx għaddliet mingħand missieru bil-ħidma tal-liġi mal-mewt tiegħu, il-kirja m'għaddietx għand Joseph meta miet Giomaria, għaliex Joseph ma jistax jitqies membru tal-familja ta' Giomaria skont id-definizzjoni fl-art. 2 tal-Kap. 199.

5. Joseph jaqbel li, jekk l-istorja hi kif tfissirha s-sinjura Cauchi, allura hu m'għandux titolu. Iżda ma jaqbilx mal-istorja. Skont ma jgħid hu, mhux minnu li sar ftehim kif tgħid is-sinjura Cauchi. Jgħid li l-qbiela għaddiet għandu u għand ħuh Giomaria meta missierhom miet fl-1997. Għalhekk isostni li l-għelieqi kienu mqabbla għandhom it-tnejn mal-mewt ta' missierhom, u li hu għandu d-dritt li jkompli bil-qbiela wara l-mewt ta' Giomaria.

**Il-verżjonijiet tas-sinjura Cauchi**

6. Il-verżjoni tas-sinjura Cauchi f'para 3 hi dik li ilha ssostni minn wara li s-sur Camilleri ngħata d-dritt li jiddefendi l-kawża kontrih (li kienet inbdiet bħala proċedura speċjali sommarja), u wara li ressaq id-difiża tiegħu u l-irċevuti maħruġa fuq Generoso.[1] Fil-fatt l-ewwel darba li tagħti din il-verżjoni – eventwalment korroborata mit-tfal tagħha John u Jeremy – kien meta xehdet fit-18 ta' Mejju 2023.[2]

7. Imma l-ewwel verżjoni tas-sinjura Cauchi hi differenti. Fl-affidavit li ressqet mar-rikors ġuramentat, hi qalet hekk:

> ... minn dak iz-zmien l'quddiem [jiġifieri wara li miet missierha] jien dejjem ircevejt il-qbiela minghand Giomaria Carabott ghal dawn tletin sena circa, u qablu minghand missieru Generoso Carabott. Illi peress li huwa kien ghazeb u kien jghix mal-mejta genituri tieghu Generoso Carabott, huwa skond il-Ligi kellu d-dritt li l-kirja tar-raba tigi fuqu u ghalhekk wara l-mewt tal-mejjet Generoso Cababott, jiena rrikonoxxejtu fit-titolu tal-qbiela tar-raba in kwistjoni ai termini tal-istess Ligi, imma issa hutu peress li huwa m'ghandux tfal u kien

[1] Ara paġni 27 – 29 u paġni 50 - 51
[2] Ara traskrizzjoni, paġni 53 - 63

> ghazeb, m'ghandhomx dritt jidhlu fil-qbiela tar-raba in kwistjoni u ghandhom jirritorna hwejgi liberi minn kull okkupazzjoni.[3]

8. Din il-verżjoni ma fiha l-ebda referenza għan-novazzjoni li, iktar tard fil-kawża, tgħid li seħħet fl-1991; u fiha aċċettazzjoni li l-qbiela għaddiet mal-mewt ta' Generoso. L-unika differenza bejn dak li tgħid hi hawn u l-verżjoni ta' Joseph hi li, skond Joseph, il-qbiela għaddiet għand iż-żewġ aħwa Carabott.

9. Waħedha, din il-bidla radikali fil-verżjoni tas-sinjura Cauchi tagħmilha diffiċili ħafna li tiġi aċċettatha l-verżjoni attwali tagħha.

**Fatturi oħra**

10. Hemm ukoll fatturi oħra li jitfgħu dubju fuq il-verżjoni kurrenti tagħha. Meta xehdet dwar is-suppost ftehim tal-1991, qalet li '...il-qbiela inqalbet fuq xi hadd jismu Gian Marie ...'. Iżda kompliet hekk:

> [Sinjura Cauchi]: Qed nitkellem fuq issa, it-tifel ta' Generoso li hu, li kien jismu Gian Marie Carabott. Li jien kont irrikonoxxejtu bhala t-tifel –
>
> Qorti: All right –
>
> [Sinjura Cauchi]: dixxendenti[4]

11. Donnu anki meta ġiet biex tibdel il-verżjoni, dik oriġinali – li kienet irrikonoxxiet lil Giomaria bħala li kellu d-dritt li jibqa' fir-raba' wara li miet missieru - ħarbitilha.

12. Hemm ukoll il-kwistjonijiet dwar min ħallas il-qbiela fl-2020 u kif inħarġu rċevuti fuq isem Generoso għas-snin 2019 u 2020.

13. Is-sinjura Cauchi tgħid li darba minnhom kienet qed titkellem ma Giomaria (li kienet tafu sew) fuq missieru u, bi żball, ħarġet l-irċevuta fuq isem missieru. Tkompli tgħid li, sussegwentement, 'ipperpetwat' l-iżball u, wara, ippruvat iċċempel lil Giomaria biex tirranġa l-iżball, iżda ma rrispondihiex.[5]

---

[3] Ara para 11 tal-affidavit tal-attriċi, paġna 4 u 5
[4] Ara paġna 55
[5] *Ibid.*

14. Fir-rigward tal-ħlas tal-qbiela għas-sena 2020, tgħid li hi ma kienitx taf, sa ħafna wara, li Giomaria kien miet fi Frar ta' dik is-sena, u li meta ġiet biex titħallas il-qbiela xi ħadd kien qalilha li ried iħallas il-qbiela ta' Giomaria. F'xhieda xi ftit konfuża, qalet hekk:

> 'xi ħadd qalli li jrid jigi jhallas il-qbiela ta' Gian Marie. U jiena ghedtilhom Gian Marie miet. U jien dak ilhin ma kont naf xejn li miet ghax, minghandu – '.[6]

15. L-irċevuta ta' dik is-sena, bħal dik tal-2019, ħarġet fuq Generoso, u ġġib id-data tal-10 ta' Novembru 2020. Issa milli jidher, il-qbiela kienet titħallas f'Santa Marija. Mhux probabbli li s-sena 2020 kienet differenti. Iktar hu probabbli li l-irċevuta ħarġet wara, kif jidher li sar f'diversi snin oħra.

16. Is-sinjura Cauchi qalet ukoll li meta tħallset il-qbiela – u tagħti lil wieħed x'jifhem li mar iħallasha Joseph – hu ma qalx li ħuh kien miet.

17. Dwar dak li ġara meta ġiet biex titħallas il-qbiela ta' 2020 għandna anki l-verżjoni tat-tifel tas-sinjura Cauchi – John – li qal li Joseph ipprova jippersonifika lil ħuh Giomaria.[7]

18. Dawn il-verżjonijiet mhumiex versomili. Dak li tgħid is-sinjura dwar l-irċevuti ma jagħmilx sens. Jista' jkun, kif tgħid, li meta Giomaria ħallas il-qbiela fl-2019, li hi għamlet żball. Imma meta mar iħallas xi ħadd minflok Giomaria fl-2020, li hi reġgħet ħadet żball hu improbabbli, speċjalment jekk inhu minnu li (i) hi kienet tirrikonoxxi lil Giomaria mhux bħala werriet ta' missieru, imma bħala l-persuna li lilu kienu mqabbla l-artijiet b'kuntratti li saru fl-1991; u (ii) li lil Joseph ma kienitx tafu. Hu iktar probabbli li l-irċevuti ħarġu kif ħarġu mhux tant bi żball, imma b'mod ġeneriku lill-eredi ta' Generoso (eredi f'sens wiesa' ta' dawk li kellhom id-dritt li jidħlu fiż-żarbun tiegħu fir-rigward tal-għelieqi in kwistjoni).

19. Is-sinjura Cauchi tgħid li saret taf li kien miet Giomaria, ferm wara Frar 2020. Fil-fatt ix-xhieda tagħha hi fis-sens li saret taf wara li ħarġet l-irċevuta tal-qbiela datata 10 ta' Novembru 2020. Dak li tgħid f'dan ir-rigward irid jitqies fil-kuntest tas-segwenti: (i) hi kienet, kif tgħidilna hi stess, midħla ta' Giomaria; (ii) mill-1991 dejjem hu kien imur iħallas il-qbiela; (iii) kienet semgħet li Giomaria kien marad (preżumibbilment serjament); (iv) f'daqqa waħda tfaċċa terz li, skont ma tgħid, ma kienitx tafu, biex iħallas il-qbiela; (v) hi sempliċement ħarġet irċevuta – xhur wara - mingħajr ma staqsiet xejn, bl-istess 'żball' li

---

[6] Ara paġni 55 – 56
[7] Ara eżami, 18 ta' Ottubru 2023

għamlet fl-2019; (vi) wara, ippruvat iċċempel lil Giomaria u, meta ma rrispondiex, semgħet mingħand in-nies li kien miet. Din l-istorja ukoll mhix verosimili. Ferm iktar versomili, u kredibbli, hi l-verżjoni ta' Joseph, li tagħha jingħata sunt iktar 'l isfel. Inqas u inqas versomili hi l-istorja ta' binha John – mhux imħaddna mis-sinjura Cauchi - li Joseph ipprova jippersonfika lil Giomaria meta ġiet biex titħallas il-qbiela fl-2020.

20. Is-sinjura Cauchi qalet ukoll, bil-ġurament, li kienet skopriet li Joseph kien qed jittenta jirreġistra l-għelieqi mal-Agriculture and Rural Payments Agency fuq ismu meta, kif ntwera, kienu ilhom hekk reġistrati għal ħafna snin: fil-fatt l-art Tal-Kotob mill-2003 u l-art Dun Miju mill-2007.[8]

21. Hemm ukoll ir-raġuni li ngħatat għas-suppost bidla fil-partijiet għall-qbiela li suppost seħħet fl-1991. Jeremy Cauchi xehed li kien preżenti meta l-qbiela suppost daret fuq Giomaria. Jgħid li Generoso ried illi ma jżommx l-art bħala mqabbla fuq ismu biex japplika għal pensjoni.[9] Imma dak iż-żmien jidher li Generoso ġa kellu madwar tmenin sena. Ukoll ma tressqitx prova li, biex ikun jista' jkollu pensjoni ta' dik l-età, ma setax ikollu art imqabbla. Anki li kieku dan kien veru, m'hemmx spejgazzjoni konvinċenti lanqas għaliex Generoso ried jaqleb il-qbiela fuq Giomaria biss u jeskludi lil Joseph.[10] Naturalment, il-possibilità li Generoso ried jagħmel hekk ma tistax tiġi eskluża, imma billi hemm xhieda oħra li jgħidu li l-għelieqi dejjem ħadmuhom Giomaria u Joseph, u ebda prova oħra li tista' tissostanzja din ix-xhieda, il-qorti ma tistax tqisha probabbli.

22. L-uniċi fatti, apparti x-xhieda tas-sinjura Cauchi u tat-tfal tagħha, li jistgħu jitqiesu li javallaw it-teżi attriċi attwali huma li (i) l-irċevuti, mill-1991 'l hawn, huma fuq Giomaria, ħlief l-aħħar tnejn, li huma fuq Generoso; u (ii) hemm notamenti dwar xi tibdil fl-arranġamenti fir-reġistru li kien iżomm ir-raġel tas-sinjura Cauchi, u li kien jamministra ħwejjiġha. Il-qorti ma tqisx li l-irċevuti għandhom wisq piż. Veru li ma jgħajtux lil Joseph ukoll, imma kif spjega hu stess, kien Giomaria li kien dejjem jieħu ħsieb u billi huma kienu aħwa, it-tnejn ġuvintur u bla tfal, u jaqsmu kollox, hu versomili li ma kienux jagħtu każ. L-istess jista' jingħad minn naħa tas-sinjura Cauchi u żewġha. Billi dejjem kien jitfaċċa Giomaria, l-irċevuta kienet toħroġ fuq ismu. Lanqas meta ħarġu l-irċevuti fuq isem

---

[8] Ara paġna 94 (inkluż fuq wara tal-istess)
[9] Ara affidavit, para. 6, paġna 88
[10] Ħuthom kienu kollha tas-sess femminili.

Generoso ma jidher li xi ħadd ta' każ, sakemm, milli jidher, is-sinjura Cauchi dehrilha li din setgħet kienet ser tippreġudika t-talba tagħha f'dan il-każ: għaliex altrimenti, anki jekk kien żball, ma kien jagħmel l-ebda differenza. Ta' min jgħid ukoll li meta fetħet il-kawża, s-sinjura Cauchi ma ressqitx l-aħħar irċevuti - dawk bl-'iżball' fihom - imma irċevuti ta' qabel, f'isem Giomaria. Kien ikun aħjar għall-kredibilità tal-każ tagħha kienu dawn ressqithom hi.

23. Dwar ir-reġistru dan ma jgħid xejn dwar bidla fil-persuna li lilu kienet mqabbla l-art. Jixhed biss li fl-1991 sar awment fil-qbiela iżda 'without hens'.[11] Wara hemm reġistrat li l-kera kienet tħallset minn Giomaria, imma dan waħdu ma jixhidx li l-qbiela nqalbet fuqu.[12]

24. Meqjus fl-intier, il-każ (attwali) tal-attriċi ma jreġġix.

**Il-provi ta' Joseph**

25. Mill-banda l-oħra hemm l-affidavit, u l-kontro-eżami ta' Joseph,[13] li jispjega b'mod ċar u razzjonali kif hu u Giomaria kienu dejjem jaħdmu l-art; kienu t-tnejn ġuvintur, bla tfal, jgħixu flimkien fir-razzett ta' ommhom u missiehom; kif kienu jaqsmu kollox u kif Joseph kien iħalli kollox f'idejn ħuh. Qal ukoll li l-istorja ta' x'suppost ġara fl-1991 qatt ma kien sema' biha. Jispjega ukoll kif kien mar iħallas il-qbiela f'Santa Marija tas-sena 2020 u kif is-sinjura Cauchi ġa kienet taf li Giomaria kien miet; kif tatu l-kondoljanzi, kif aċċettat il-qbiela u ħarġet l-irċevuta fuq missieru. U spejga ukoll kif kien fis-sena ta' wara li beda jberraq.

26. Hemm il-fatt li l-għelieqi ġew reġistrati f'ismu mit-2003 u 2007; fatt li hu konsistenti mal-istorja ta' Joseph u li juri li l-attriċi u Jeremy kienu qed jiżvijaw meta implikaw, jekk mhux qalu, li Joseph kien 'qed jittenta' jirreġistra l-għelieqi f'ismu wara l-mewt ta' Giomaria.[14]

---

[11] Ara paġna 92
[12] Hemm ukoll konfużjoni f'kif il-każ tas-sinjuri Cauchi hu mressaq f'dan ir-rigward. Fin-nota relattiva (ara paġna 87) jingħad li f'dan ir-reġistru '... hemm indikat bic-car illi Giomaria Carabott ... wiret il-qbiela tal-għalqa u ghalhekk dahal f'kirja gdida ...' Giomaria jew wiret il-kirja jew daħal f'kirja ġdida. Ma setax għamel it-tnejn. Il-kwistjoni tat-tiġieġ jispejgaha Jeremy fil-kontro-eżami tiegħu (paġna 121). Jgħid li, bħala familja, ma riedux iktar jaċċettaw tiġieġ bħala parti mill-qbiela, għaliex it-tiġieġ li kienu jingħataw kienu ta' kwalità inferjuri u riedu jsarrfu dan fi flus. Dan jista' jispjega ż-żieda fil-qbiela fl-1991.
[13] Affidavit, paġni 107 – 108; kontro-eżami, paġni 126 - 130
[14] Ara ukoll, affidavit ta' Jeremy Cauchi, para. 5, paġna 88

U, fl-aħħar, hemm ix-xhieda li kkonfermaw li l-għelieqi dejjem ħadmuhom Joseph u Giomaria.[15]

27. Li kieku l-allegazzjoni tal-attriċi kienet iktar kredibbli, dawn il-fatti, flimkien, kienu jxejjnuha.

28. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti m'għandhiex għalfejn tqis l-eċċezzjonijiet preliminari tas-sur Carabott.

***Decide***

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-tieni talba tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

[15] Ara affidavits, paġni 109 – 112